MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 762/2011

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., bħala mandatarju speċjali ta’ The Procter & Gamble Company, soċjeta’ estera organizzata taħt il-liġijiet tal-Istat tal-Ohio fl-Istati Uniti tal-Amerika u hemmhekk irreġistrata bin-numru 20677, b’indirizz ta’ One Procter & Gamble Plaza, Cincinnati, Ohio, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u P.L. Alison Wadge gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil**
**RAINBOW ACCESSORIES CO.,LTD, entita’ estera b’indikazzjoni ta’ indirizz ta’ “NO5, HEJUN INDUSTRY PARK,BAIYUN DISTRICT, GUANGZHOU CITY,CHINA” b’digriet tat-13 ta’ Settembru 2011, u**
**Dr. Simon Micallef Stafrace u P.L. Quentin Tanti gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil**

**SHEGA-TRANS SHIPPING S.A, entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "RR:TEFTA TASHKO NR.10 TIRANA AL, ALBANIA" b'digriet tat-13 ta' Settembru 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-5 ta' Awwissu 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta' attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti ta' *shampoo* tal-markji "PANTENE", "PANTENE PRO-V" u "PRO-V", hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u ta' ohrajn bhal "PROCTER & GAMBLE" in konnessjoni ma' dan l-istess negozju;

2. Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-*trademarks* taghha "PANTENE", "PANTENE PRO-V", "PRO-V" u "PROCTER & GAMBLE", *inter alia* dwar prodotti ta' *shampoo*;

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) it-*trademarks* "PRO-V" [kelma, numru 000273292, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], "PANTENE" [kelma, numru 000273342, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], "PANTENE" [kelma, numru 000272971, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], "PANTENE PRO-V" [kelma, numru 000058719, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], "PANTENE PRO-V" [figurattiva, numru 004885646, b'effett mis-sebgha (7) ta' Frar elfejn u sitta (2006)], "PANTENE PRO-V" [figurattiva, numru 004833364, b'effett mit-tlettax (13) ta' Jannar elfejn u sitta (2006)], "PANTENE PRO-V" [figurattiva, numru 005314976, b'effett mill-erbatax (14) ta' Settembru elfejn u sitta (2006)], "PROCTER & GAMBLE" [kelma, numru 000300137, b'effett f'Malta mill-ewwel (1)

ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], kif ukoll it-*trademark* validament irregistrat f'Malta "PANTENE" [kelma, numru 8457, irregistrata b'effett mill-hdax (11) ta' Novembru elf disa' mija hamsa u sittin (1965)], dawn f'kull kaz *inter alia* dwar prodotti ta' *shampoo* (bit-*trademark* Komunitarju "PROCTER & GAMBLE" hawn aktar qabel imsemmi, irregistrat ukoll dwar materjal ta' ippakkettjar fost ohrajn);

4. Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta] u tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*, biex b'hekk u wkoll b'applikazzjoni tal-artikolu ghaxra (10) tal-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003*, tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414), liema artikoli ta' ligi japplikaw ghal dan il-kaz fost ohrajn;

5. Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414) kif ukoll fl-Artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003*, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* ECMU 1707823 kontenenti prodotti konsistenti fi fliexken ta' *shampoo* li ghandhom fuqhom *trademarks* "PRO-V", "PANTENE PRO-V", "pantene" u "Procter & Gamble", jew altrimenti *trademark* "PRO-V" (u dawn kollha flimkien ma' materjal ta' ippakkettjar relattiv li ghandu fuqu *trademarks* "Pantene" u "PROCTER & GAMBLE"), liema oggetti kollha waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura dikjarata mix-*shipper* fuq il-polza ta' karigu relattiva bhala wahda ta' *transit to Albania*, u bil-*port of discharge* indikat fuq il-polza ta' karigu relattiva bhala dak ta' Piraeus fil-Grecja. L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba

f’cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali;

6. Illi s-socjeta’ attrici giet mgharrfa bis-sejba fl-erbatax (14) ta’ Lulju elfejn u hdax (2011) u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni ta’ dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopja ta’ polza ta’ karigu relattiva ghal dan il-kaz intitolata *DRAFT BILL OF LADING* fejn, bhala *shipper* hemm indikata “RAINBOW ACCESSORIES CO.,LTD”, b’indikazzjoni ta’ indirizz ta’ “NO5,HEJUN INDUSTRY PARK,BAIYUN DISTRICT,GUANGZHOU CITY,CHINA”, filwaqt li bhala *consignee* hemm indikata “SHEGA-TRANS SHIPPING S.A”, b’indikazzjoni ta’ indirizz ta’ “RR:TEFTA TASHKO NR.10 TIRANA AL, ALBANIA”. Effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta’ din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika bhala b’kollox sebgha u erbghin elf sitt mija tnejn u hamsin (47,652) stocc *shampoo* (oltre ghall-materjal ta’ ippakkettjar relattiv), jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici stante li oggetti falsifikati;

7. Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sal-hdax (11) ta’ Awwissu elfejn u hdax (2011), sabiex is-socjeta’ attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

8. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi fliexken ta’ *shampoo* li ghandhom fuqhom *trademarks* “PRO-V”, “PANTENE PRO-V”, “pantene” u “Procter & Gamble”, jew altrimenti ghandhom fuqhom *trademark* “PRO-V” (u dawn kollha flimkien ma’ materjal ta’ ippakkettjar relattiv li ghandu fuqu

*trademarks* “Pantene” u “PROCTER & GAMBLE”), liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* ECMU 1707823 kien jikkontjeni l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta’ attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u ghas-spejjez taghhom;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. O;

Rat id-digrieti tat-13 ta’ Settembru 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati indikati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ta’ Dr. Yana Micallef Stafrace et tal-11 ta’ Ottubru 2011 fejn ecceppew:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Simon Micallef Stafrace et tal-21 ta’ Ottubru 2011 fejn ecceppew:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-2 ta’ Novembru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi A. Sansone ghas-socjeta` attrici li ddikjara li ma ghandhux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d’ostakolo ghas-16 ta’ Novembru 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta’ attrici hija proprjetarja tal-marki “Pantene”, “Pantene Pro-V” u “Prov-V”, “PROCTER & GAMBLE” u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta’ din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta’ trademarks fir-Registru tat-Trademarks Malta u dawk Komunitarji skond Dok. B sa J annessi mal-istess.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda b’affidavit ta’ George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dawna (Dok. N) li taht l-awtorita’

tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru ECMU 1707823 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'sebgha u erbghin elf sitt mija tnejn u hamsin (47,652) stocc *shampoo* tal-marka "Pantene Prov-V" ta' "Protector & Gamble" u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur CMA GCM OTELLO fil-5 ta' Lulju 2011 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fit-12 ta' Lulju 2011 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lis-socjetajiet/entitajiet intimati (Dok. LS02, cioe affidavit ta' Shelley Suzanne Duggan fid-dipartiment legali tas-socjeta' attrici).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u filfatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess entitajiet konvenuti, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 2 ta' Awwissu 2011 (Dok. N).

## Konkluzzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'sebgha u erbghin elf sitt mija tnejn u hamsin (47,652) stocc *shampoo* bil-marka "Pantene Pro-V" ta' "Procter & Gamble" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru ECMU 1707823 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-

drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza kif ukoll il-materjal ta' ippakketjar relattiv, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u a spejjez taghhom;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba billi ma hemmx bzonnha;

4. Tordna lis-socjetajiet konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u raba talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-oggetti u l-materjal ta' ippakketjar ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess u tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, kif elenkati kollha fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. N fl-atti tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------